



**OPINJONI NRU 02/2012**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI**

**tas-16 ta' April 2012**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jstabbilixxi r-Regoli Implimentattivi għall-  
operazzjonijiet bl-ajru**

***Operazzjonijiet bl-Ajru – OPS (Parti-SPO)'***

## Werrej

<b>Sommarju Eżekuttiv .....</b>	<b>3</b>
<b>Introduzzjoni.....</b>	<b>4</b>
I.    Ġenerali .....	4
II.   Kamp ta' Applikazzjoni tal-Opinjoni.....	4
III.  Konsultazzjoni.....	5
IV.   Konvenzjoni ta' enumerar tar-regoli.....	7
<b>Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru.....</b>	<b>9</b>
I.    Kamp ta' Applikazzjoni .....	9
II.   Ħarsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet .....	9
III.  Spjegazzjonijiet.....	9
<b>Anness VIII - Parti-SPO .....</b>	<b>11</b>
I.    Kamp ta' Applikazzjoni .....	11
II.   Minn Hídma fl-Ajru sa Operazzjonijiet Speċjalizzati .....	13
III.  Attivitajiet koperti mill-Parti-SPO .....	14
IV.   In-natura speċifika tal-Operazzjonijiet Speċjalizzati.....	15
V.    Reazzjonijiet speċifiċi u l-bidliet ewlenin .....	18

**Sommarju Eżekuttiv**

Din l-Opinjoni fiha d-dokument li ġejjin:

- Emenda għar-Regolament ta' Kopertura dwar l-operazzjonijiet bl-ajru inklużi emendi għall-Anness I - Definizzjonijiet;
- Anness VIII - Parti-SPO, rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet speċjalizzati (kummerċjali u mhux kummerċjali) b'ajruplani, ħelikopters, gliders, blalen tal-arja;

L-iżvilupp ta' dawn ir-rekwiżiti kien ibbażat fuq l-għanijiet li ġejjin:

- iż-żamma ta' livell għoli ta' sikurezza;
- l-iżgurar ta' regoli proporzjonati;
- il-garanzija ta' flessibilità u effiċjenza għal operaturi u awtoritajiet.

Din l-Opinjoni hija r-riżultat ta' proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lil awtoritajiet, assoċjazzjonijiet, operaturi u esperti tal-avjazzjoni.

L-Opinjoni għas-Sezzjonijiet li jifdal tal-Anness IV – Parti CAT għall-gliders u l-blalen tal-arja kif ukoll għat-titjiriet minn A sa A b'ajruplani u ħelikopters sejra tiġi ppubblikata aktar tard.

## **Introduzzjoni**

### **I. Ġenerali**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (li minn hawn 'il quddiem sejjer jissejjaħ ir-Regolament Bażiku') kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009<sup>2</sup> jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.
2. L-iskop ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fit-twaqqif tar-Regoli Implimentattivi għall-operazzjonijiet bl-ajru.
3. L-Opinjoni ġiet adottata, wara l-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija)<sup>3</sup>, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku.

### **II. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Opinjoni**


4. Din l-Opinjoni tikkonsisti fid-dokument li ġejjin:
  - Emenda għar-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru inklużi emendi għall-Anness I - Definizzjonijiet;
  - Anness VIII - Parti-SPO, rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet speċjalizzati (kummerċjali u mhux kummerċjali) b'ajruplani, ħelikopters, gliders, blalen tal-arja;
5. Id-dokumenti ta' din l-Opinjoni huma bbażati fuq struttura tar-regoli reveduta kif propost mill-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija f'April 2011. It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-Annessi skont ir-Regolament għall-Operazzjonijiet bl-ajru.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1-49.*

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE. *ĠU L 309, 24.11.2009, pp. 51-70.*



<sup>3</sup> Decision of the Management Board concerning the procedure to be applied by the Agency for the issuing of Opinions, Certifications Specifications and Guidance Material (Rulemaking Procedure). EASA MB 08-2007, 13.06.2007. (Id-Deciżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni li tikkonċerna l-proċedura li trid tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Tfassil tar-Regoli). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.)

**Figura 1: Annessi tar-Regolament għall-Operazzjonijiet bl-ajru**

### III. Konsultazzjoni

6. Din l-Opinjoni hija bbażata fuq NPA 2009-02 li fih abbozz ta' proposti għar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IR - Implementing Rules) u l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC - Acceptable Means of Compliance) u l-Materjal ta' Gwida (GM - Guidance Material) relatati għall-operazzjonijiet bl-ajru.
  - Fażi ta' konsultazzjoni tal-Avviż dwar Emenda Proposta (NPA - Notice of Proposed Amendment)
7. NPA 2009-02 ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-EASA (<http://www.easa.europa.eu>) fit-30 ta' Jannar 2009. Il-perjodu ta' konsultazzjoni ntemm fil-31 ta' Lulju 2009. L-Aġenzija rċiviet total ta' 13 775 kumment, li madwar 350 minnhom kienu relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni.
  - Il-fażi ta' konsultazzjoni tad-Dokument ta' Tweġibiet għal Kummenti (CRD - Comment Respons Document)
8. Is-sommarji tal-kummenti, it-tweġibiet relatati għal kummenti sintetizzati u t-test tar-regola propost u rivedut ġew diskussi f'ċertu dettall mal-erba' gruppi ta' revizzjoni (RGs - Review Groups) tat-tfassil tar-regoli li ġejjin:
  - RG01 (CAT), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru;
  - RG01 (CAT), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet speċjalizzati;
  - RG03 (NCC), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur; u

- RG03 (NCC), li jiffoka fuq ir-regoli għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur; u
9. L-abbozz tat-test tas-CRD tal-Parti-SPO ġie revedut mill-RG02.
  10. L-Aġenzija wettqet ukoll verifika tal-konsistenza ma' Partijiet oħrajn (Parti-CAT u Parti-NCC u NCO) qabel ma ppubblikat is-CRD.
  11. Fuq il-bażi ta' konsultazzjoni estensiva ma' awtoritajiet, assoċjazzjonijiet u operaturi, l-Aġenzija ppubblikat is-CRD OPS III fis-27 ta' Settembru 2011. Il-perjodu ta' reazzjoni ntemm fil-31 ta' Jannar 2012.
    - Laqgħa mal-membri tal-Grupp ta' Reviżjoni u konferenza fuq l-internet
  12. Fit-23-24 ta' Novembru 2011, matul il-fażi ta' konsultazzjoni, l-Aġenzija organizzat laqgħa addizzjonali mal-membri tal-RG02 (SPO) biex tiddiskuti t-test tas-CRD ippubblikat. Din il-laqgħa ppermettiet sabiex jittejjeb it-test tas-CRD u ntlaħaq kunsens ġenerali. Il-punti ewlenin li ġew diskussi kienu l-kriterji ta' prestazzjoni għall-ħelikopters u ż-żewġ proċeduri operattivi standard (SOPs - Standard Operating Procedures) dwar l-Operazzjonijiet ta' Tagħbija bi Braga Esterna b'Ħelikopter (HESLO - Helicopter External Sling Load Operations) u dawk ta' Bnedmin Bħala Merkanzija Esterna (HEC - Human External Cargo).
  13. Minbarra l-laqgħa mal-membri tal-RG, fid-29 ta' Novembru 2011 l-Aġenzija organizzat konferenza pubblika fuq l-internet sabiex tippreżenta s-CRD u biex taqsam diskussjonijiet u informazzjoni dwar il-Parti-SPO. Ir-rispons li rċiviet kien pożittiv.
    - Reazzjonijiet dwar is-CRD
  14. L-Aġenzija rċiviet reazzjonijiet dwar is-CRD minn 43 entità inklużi Awtoritajiet Nazzjonali, manifatturi, assoċjazzjonijiet u individwi. In-numru totali ta' kummenti huwa bejn wieħed u ieħor 560, li 15% minnhom huma dupplikati.  
Il-figuri li ġejjin jagħtu ħarsa ġenerali lejn dawn ir-reazzjonijiet.

**Figura 2: Farsa ġenerali lejn il-kummentaturi li pprovdew ir-reazzjonijiet****Figura 3: Farsa ġenerali lejn il-kummenti li daflu**

15. Ir-reazzjonijiet kollha ġew ivvalutati u twiegħbu u ttieħdu f'kunsiderazzjoni meta ġiet abbozzata l-emenda għall-Anness VIII ta' din l-Opinjoni.

#### **IV. Konvenzjoni ta' enumerar tar-regoli**

16. B'konformità mal-linji gwida ta' abbozzar tat-tfassil tar-regoli tal-Aġenzija, ġiet applikata l-konvenzjoni ta' enumerar tar-regoli li ġejja għall-IRs:

<Parti>.<Subparti>.<Sezzjoni>.<N>

Spjegazzjoni:

- <Parti>: mandatorja - sa erba' ittri jew figuri  
eżempji: SPO
- <Subparti>: mandatorja - sa erba' ittri jew figuri  
eżempji: GEN, OP, POL, IDE, SPEC
- <Sezzjoni>: mandatorja - sa ħames ittri jew figuri  
eżempji: SPO.SPEC.HESLO
- <N>: mandatorja - numru tar-regola - tliet figuri, li jibdeu minn 100,  
ġeneralment jinqabżu 5 numri bejn xulxin.



## **Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru**

### **I. Kamp ta' Applikazzjoni**

17. Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru' jiddefinixxi l-applikabilità ġenerali tal-Partijiet li jkopri u jipproponi miżuri ta' transizzjoni fil-forma ta' non-parteċipazzjoni<sup>4</sup>. Huwa m'ħejji b'halha Regolament li jemenda u huwa bbażat fuq ir-Regolament ta' Kopertura inizjali tal-OPS kif ivvutat mill-Kumitat tal-EASA għall-pakkett tal-CAT (Opinjoni 04/2011).

### **II. Farsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet**

18. Ir-reazzjonijiet li daħlu dwar ir-Regolament ta' Kopertura tal-OPS iffokaw fuq kwistjonijiet ta' konsistenza, dispożizzjonijiet ta' transizzjoni, ċertifikazzjoni jew le għall-operaturi kummerċjali kollha, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjoni ta' operazzjonijiet speċjalizzati u d-definizzjoni ta' speċjalist tal-kompitu.

### **III. Spjegazzjonijiet**

19. L-Artikolu 1(1)-(4) tar-Regolament li jemenda jstabilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament li jindirizza l-operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u mhux kummerċjali. L-operaturi speċjalizzati kummerċjali se jrin ikunu soġġetti għal ċertifikat filwaqt li l-operaturi speċjalizzati mhux kummerċjali ta' ajruplani u ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur se jrin ikollhom jiddikkjaraw l-attività tagħhom lill-awtorità kompetenti. Id-dispożizzjonijiet relatati dwar ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni, dikjarazzjoni u organizzazzjoni (Parti-ORO) diġà kienu ġew ippubblikati mal-Opinjoni tal-EASA 04/2011.
20. L-Artikolu 1(5) jinkludi definizzjoni ta' operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u mhux kummerċjali kif ukoll ta' speċjalist tal-kompitu. Tingħata spjegazzjoni ulterjuri fil-kapitli III u IV aktar 'l isfel.
21. Jiżied Anness VIII Parti-SPO ġdid li fih ir-rekwiżiti tekniċi dwar proċeduri operazzjonali, prestazzjoni, tagħmir u xi rekwiżiti ġenerali għall-operazzjonijiet speċjalizzati kollha (Artikolu 1(11)). L-applikabilità relatata hija stabbilita fl-Artikolu 1(8). Barra minn hekk, kull meta joperaw fi ħdan spazju tal-ajru definit, iwettqu operazzjonijiet għal minimi aktar baxxi jew jitransportaw oġġetti perikolużi, kemm l-operaturi speċjalizzati kummerċjali kif ukoll dawk mhux kummerċjali huma meħtieġa jkollhom approvazzjoni speċifika. Id-dispożizzjonijiet relatati ma' attivitajiet u approvazzjonijiet b'hal dawn jinstabu fil-Parti-SPA (operazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjonijiet speċifiċi), li ġiet ippubblikata mal-Opinjoni 04/2011. Din ma teħtieġ l-ebda bidla għar-regolament ta' kopertura.
22. L-Artikolu 1(9) fih kjarifiki fir-rigward tar-rewiżiti applikabbli tal-Limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-Titjiriet (FTL - Flight Time Limitations). Għalissa, għal operazzjonijiet speċjalizzati għadhom japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali. Ir-Regoli Implimentattivi (IRs) relatati se jrin jiġu proposti aktar tard.

<sup>4</sup> Non-parteċipazzjoni hija tip ta' miżura ta' transizzjoni li tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jagħżlu li jipposponu d-data ta' implimentazzjoni ta' ċerta dispożizzjoni, sa ċertu limitu ta' żmien definit mil-liġi.

23. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament li jemenda fih id-dispożizzjonijiet ta' non-parteciċipazzjoni. Peress li ma huma stabbiliti ebda dispożizzjonijiet armonizzati fil-qasam ta' operazzjonijiet speċjalizzati u billi jeħtieġ li uħud mill-operaturi jkunu ċċertifikati, hija proposta non-parteciċipazzjoni ta' tliet snin.
24. Finalment, l-Artikolu 2 jinkludi r-rekwiżiti ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament li jemenda.

**Anness VIII - Parti-SPO****I. Kamp ta' Applikazzjoni**

25. Il-Parti-SPO għandha tinqara flimkien ma':
- ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru, b'mod partikolari fir-rigward tad-dati ta' applikabilità u l-perjodi ta' transizzjoni;
  - Anness I – Definizzjonijiet għat-termini użati fl-Annessi II sa VIII;
  - Anness II – il-Parti-ARO li fiha, fost l-oħrajn, rekwiżiti ta' awtorità għall-operaturi ta' Operazzjonijiet Speċjali (SPO - Special Operations) relatati mar-responsabilitajiet ta' sorveljanza u ċ-ċertifikazzjoni;
  - Anness III – il-Parti-ORO li fiha r-rekwiżiti ta' organizzazzjoni għall-operaturi ta' SPO li jwettqu operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali b'ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur; u
  - Anness V - il-Parti-SPA, li fiha r-rekwiżiti għall-operazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni speċifika.
26. Il-Parti-SPO fiha r-rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u mhux kummerċjali.
27. Din il-Parti fiha ħames Subpartijiet. Is-Subparti D, SPO.IDE u s-Subparti E, SPO.SPEC jinqasmu ulterjorment f'Sezzjonijiet li fihom regoli speċifiċi għal ingeni tal-ajru u għal operazzjonijiet speċifiċi.
28. L-istruttura tas-Subpartijiet hija paragonabbli għall-istruttura tar-Rekwiżiti Essenzjali fl-Anness IV tar-Regolament Bażiku.
29. L-istruttura tar-regoli, u b'mod partikolari s-Sezzjonijiet, tfaßlu b'tali mod sabiex fil-ġejjieni, ir-rekwiżiti għal kategoriji ta' ingeni tal-ajru addizzjonali, jew operazzjonijiet speċifiċi, ikunu jistgħu jżiedu mingħajr bżonn ta' bidliet fit-test tar-regoli eżistenti jew fl-istruttura eżistenti.
30. Il-Figuri 4 u 5 jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-Parti-SPO. Is-Subparti E hija speċifika għall-Parti-SPO u hija spjegata f'aktar dettall aktar 'l isfel.

Figura 4: Struttura tal-Parti-SPO – intestaturi tat-titli tar-regoli





Figura 5: Struttura tal-Parti-SPO – identifikaturi tar-regoli



**II. Minn Ħidma fl-Ajru sa Operazzjonijiet Speċjalizzati**

31. Sa issa, l-unika referenza għal kwalunkwe ħidma mwettqa fil-qasam tal-ħidma fl-ajru saret taħt il-kappa tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA - Joint Aviation Authorities) u l-iżvilupp tal-abbozz tal-JAR-OPS4. Illum, f'bosta Stati Membri Ewropej, l-attivitajiet ta' ħidma fl-ajru huma rregolati mir-regoli tal-avjazzjoni ġenerali u huma bbażati fuq l-Anness 6, Parti II, tal-ICAO. Ma hemm l-ebda Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs - Standards and Recommended Practices) tal-ICAO li jkopru b'mod speċifiku l-ħidma fl-ajru.
32. FL-2006, twaqqaf is-Sottogrupp III tal-EASA tal-grupp ta' tfassil tar-regoli OPS.001 sabiex jiżviluppa regoli għall-ħidma fl-ajru, billi juża, kif ikun xieraq, l-abbozz tal-JAR-OPS 0 u 4 u jieħu f'kunsiderazzjoni wkoll l-istandards nazzjonali f'dak il-kamp. Il-grupp ta' tfassil tar-regoli OPS.001 ippropona abbozz ta' regoli u fl-2009 ippubblika l-NPA dwar l-operazzjonijiet tal-ajru, li kopra wkoll il-ħidma li saret mis-Sottogrupp III fuq il-ħidma fl-ajru.
33. L-NPA 2009-02b stabbilixxa r-rekwiżiti għal operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex trasport kummerċjali bl-ajru fis-Subparti Ċ. Din is-Subparti kellha tinqara flimkien mas-Subparti A (GEN) li stabbilixxiet ir-rekwiżiti fuq il-bażi tal-Anness 6, Parti II, tal-ICAO. Bħala riżultat tal-fażijiet ta' konsultazzjoni pubblika, u bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija rrevediet l-istruttura tar-regoli tagħha u ddeċidiet li tissepara r-regoli f'partijiet differenti. Issa, l-Anness VIII ikopri l-attivitajiet ta' ħidma fl-ajru u fil-parti l-kbira tiegħu huwa bbażat fuq is-Subparti A u s-Subparti Ċ tal-NPA 2009-02b. Filwaqt li ħa f'kunsiderazzjoni l-istruttura l-ġdida tar-regoli, il-grupp ta' reviżjoni tal-EASA mwaqqaf biex iħejji s-CRD irreveda t-test tal-NPA u, bi qbil mal-membri ta' dan il-grupp ta' reviżjoni, ġie deċiż li din il-parti jingħatalha l-isem Parti-SPO.
34. Filwaqt li l-Parti-SPO tkopri prinċipalment l-attivitajiet ta' ħidma fl-ajru, illum, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti-SPO huwa mifhum bħala wieħed usa' minn dik li ġeneralment titqies bħala ħidma fl-ajru. Tabilħaqq, fil-ġejjieni jistgħu jiġu inklużi tipi oħrajn ta' titjiriet jew operazzjonijiet f'din il-Parti: madanakollu, ma jaqgħux taħt il-kategorija ta' ħidma fl-ajru per se.
35. Bidla importanti fl-NPA hija li l-Parti-SPO issa tkopri l-operazzjonijiet speċjalizzati mwettqa bi skop mhux kummerċjali wkoll. L-Aġenzija ddeċidiet li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti-SPO għal operaturi mhux kummerċjali. Tabilħaqq, ħafna attivitajiet li jaqgħu taħt l-operazzjonijiet speċjalizzati jsiru bi skop mhux kummerċjali filwaqt li r-riskji għas-sikurezza jibqgħu l-istess bħal dawk għal operazzjonijiet speċjalizzati mwettqa bi skop kummerċjali. Konsegwentement, ikun jidher li qed isir preġudizzju jekk ma tiġix irregolata kategorija ta' operaturi li effettivament iwettqu l-istess operazzjonijiet bħal operaturi oħrajn sempliċement għaliex qegħdin iwettqu t-titjira barra kument kummerċjali. Barra minn hekk, eżenzjonijiet parzjali jew rekwiżiti addizzjonali huma applikabbli u mitluba għal kwalunkwe operazzjoni speċifika ta' ħidma fl-ajru. L-inklużjoni tagħhom f'partijiet oħrajn, bħall-Parti-NCC u -NCO, kien ikollha effett dannuż fuq il-leġibbiltà ta' dawk il-partijiet u b'hekk, trendihom aktar kumplessi.

**III. Attivitajiet koperti mill-Parti-SPO**

36. Fl-2006, is-Sottogrupp III tal-grupp ta' tfassil tar-regoli OPS.001 identifika għadd ta' attivitajiet meqjusa bħala attivitajiet ta' ħidma fl-ajru. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Aġenzija identifikat aktar attivitajiet li jitsgħu jitqiesu li jaqgħu taħt il-lista proposta minn dan il-grupp ta' tfassil tar-regoli.
37. Daħlu bosta kummenti dwar żewġ punti li jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti-SPO.
- L-attivitajiet huma elenkati fil-kamp ta' applikazzjoni.
38. Ir-reazzjoni ewlenija għal dan l-aspett kienet li uħud mill-attivitajiet ma għandhomx jitqiesu bħala operazzjonijiet speċjalizzati, speċjalment it-titjiriet ta' kompetizzjoni<sup>5</sup> u l-irmunkar ta' gliders<sup>6</sup>. Skont uħud mill-partijiet interessati, dawn l-attivitajiet huma operazzjonijiet normali li jaqgħu taħt ir-regoli tal-avjazzjoni ġenerali u għaldaqstant, ma għandhomx ikunu rregolati skont din il-Parti.
- In-natura tal-lista ta' attivitajiet.
39. Il-kummenti ġenerali, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali, iddikjaraw li l-karattru mhux eżawstiv tal-lista ta' attivitajiet proposta ma tipprovdi affidabilità dwar liema attivitajiet huma koperti minn din il-parti u liema mhumiex.
40. Konsegwentement, l-Opinjoni issa tipproponi definizzjoni ta' operazzjoni speċjalizzata fir-regolament ta' kopertura li tinkludi kriterji ġenerali mmirati lejn l-iskop tat-titjira. Magħha, tingħata lista ta' 19-il kategorija ta' attivitajiet meqjusa bħala operazzjonijiet speċjalizzati. Dawn l-attivitajiet huma dawk li l-Aġenzija taf li jseħħu fl-Istati Membri Ewropej fil-preżent.
41. L-attivitajiet koperti mill-Parti-SPO huma dawn li ġejjin: operazzjonijiet ta' tagħbija esterna bil-ħelikopter, operazzjonijiet ta' bnedmin bħala merkanzija esterna, operazzjonijiet ta' sħarriġ bil-ħelikopter, operazzjonijiet bil-paraxut u skydiving, titjiriet agrikoli, titjiriet ta' fotografija mill-ajru, irmunkar ta' gliders, titjiriet ta' reklamar fl-ajru, titjiriet ta' kalibrizzjoni, titjiriet ta' ħidma ta' kostruzzjoni, inklużi operazzjonijiet ta' kkordar tal-linji tal-provvista tal-enerġija, operazzjonijiet ta' deforestazzjoni, ħidma relatata mat-tixrid ta' żejt fil-baħar, operazzjonijiet ta' tħaffir f'valangi, operazzjonijiet ta' sħarriġ, inklużi operazzjonijiet ta' mmappjar mill-ajru, attività ta' kontroll tat-tniġġis, titjiriet tal-midja tal-aħbarijiet, titjiriet għat-telewizzjoni jew films, titjiriet għal avvenimenti speċjali, inklużi wirjiet ta' titjir u titjiriet ta' kompetizzjoni, titjiriet ta' merħliet u salvataġġ ta' annimali, titjiriet veterinarji ta' nżul, operazzjonijiet funerarji marittimi, titjiriet għal riċerka xjentifika (minbarra dawk tal-Anness II tar-Regolament Nru 216/2008), cloud seeding.
42. Minħabba l-għadd kbir ta' attivitajiet tal-ajru mwettqa fl-Ewropa f'dan iż-żmien, mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita lista eżawstiva<sup>5</sup>. Barra minn hekk, fil-ġejjieni, jistgħu jfeġġu attivitajiet ġodda li jkun jaqgħu taħt operazzjonijiet speċjalizzati. Għalhekk, l-Aġenzija ma tistax tillimita l-attivitajiet għal dawk li huma elenkati taħt l-SPO.GEN.005. Għaldaqstant, huwa ċċarat li kwalunkwe attività, minbarra dawk li diġà ġew elenkati, u li jilhqqu wieħed mill-kriterji tad-definizzjoni, għandha tkun irregolata skont il-Parti-SPO. L-

<sup>5</sup> Ma teżisti l-ebda definizzjoni ta' ħidma fl-ajru li tkopri l-attivitajiet kollha ta' ħidma fl-ajru. Anki d-definizzjoni tal-ICAO tillimita ruħha għall-elenkar ta' eżempji. Awtoritajiet oħrajn jew jużaw it-terminu ħidma fl-ajru, jispeċifikaw ċerti attivitajiet (eż. l-Istati Uniti) jew inkella jsejnhom operazzjonijiet ta' titjiriet speċjali (mixxelanji) u avvenimenti tal-avjazzjoni speċjali (il-Kanada).

Aġenzija tqis li l-lista ta' attivitajiet flimkien mad-definizzjoni, inklużi l-kriterji ġenerali, se jrin jippermettu lill-partijiet interessati sabiex jidentifikaw jekk attività tal-ajru taqax taħt il-Parti-SPO jew le.

43. Rigward it-titjiriet ta' kompetizzjoni u l-irmunkar ta' gliders, il-kwistjoni ma kinitx tikkonċerna wisq ir-regola minnha nfisha, iżda t-terminu 'speċjalizzati', u t-tħassib li fil-ġejjieni jistgħu jiġu introdotti rekwiżiti addizzjonali. Il-kompetizzjonijiet jitwettqu fuq il-bażi ta' regoli speċifiċi stabbiliti mill-organizzatur tal-avveniment. L-inġenji tal-ajru jistgħu jtiru ferm qrib xulxin jew qrib il-wiċċ jew iridu jitwettqu kompiti speċifiċi. Barra minn hekk, l-istress ta' rebħ tat-tiġrija jista' jinfluwenza l-mod kif issir it-titjira u għaldaqstant, jiżdedu r-riskji. Fil-każ ta' rmunkar ta' gliders, l-inġenju tal-ajru huwa meħtieġ ikun mgħammar b'mod speċifiku u l-bdot irid ikollu liċenzja ('rating') addizzjonali. Iridu jittieħdu miżuri ta' prekawzzjoni oħrajn meta mqabbla ma' titjiriet normali għal gost jew trasport. Iż-żewġ attivitajiet jeħtieġu valutazzjoni tar-riskju speċifiku qabel ma ssir it-titjira u proċeduri xierqa biex jiġu mmitigati r-riskji. Din hija r-raġuni għaliex ġew inklużi fil-Parti-SPO.

#### **IV. In-natura speċifika tal-Operazzjonijiet Speċjalizzati**

44. Il-Parti-SPO tindirizza r-regoli għall-attivitajiet li huma ferm differenti fis-sura tagħhom. Fiha sett sħiħ ta' regoli biex tkopri operazzjonijiet speċjalizzati b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur u inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur.
45. L-operazzjonijiet koperti mill-Parti-SPO għandhom karatteristiċi speċifiċi:
- l-inġenju tal-ajru qiegħed jintuża biex jitwettaq kompitu speċifiku, li bażikament jeskludi titjiriet 'normali' għal gost jew trasport;
  - il-kompiti speċifiċi jimponu riskji speċifiċi u għalhekk, jeħtieġu miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi peress li, pereżempju, l-inġenju tal-ajru jittajjar ferm fil-baxx, it-titjira titwettaq billi jiġu applikati manuvri mhux tas-soltu, jitwettaq irfiġh jew irmunkar ta' tagħbijiet/oġġetti, persuni jistgħu jidħlu fl-inġenju tal-ajru jew joħroġu minnu matul it-titjira, tiġi rilaxxata sustanza mill-inġenju tal-ajru jew ikun hemm bżonn ta' tagħmir speċjali biex titwettaq il-missjoni tat-titjira; u
  - l-operazzjoni tista' tinvolvi persuni oħrajn minbarra l-bdot, jiġifieri speċjalisti tal-kompiti.
46. Barra minn hekk, il-Parti-SPO tintroduċi l-kunċett ta' 'speċjalist tal-kompitu'. Speċjalist tal-kompitu huwa persuna assenjata mill-operatur jew parti terza, jew inkella taġixxi bħala impriża, u li twettaq kompiti fuq l-art direttament marbutin ma' kompitu speċjalizat jew twettaq kompiti speċjalizzati abbord jew mill-inġenju tal-ajru. Id-definizzjoni hija inkluża fir-regolament ta' kopertura peress li t-terminu jintuża fih.
47. L-użu tad-denominazzjoni 'speċjalist tal-kompitu' kienet irrakkomandata u mitluba b'insistenza mill-grupp ta' tfassil tar-regoli kif ukoll mill-komunità ta' ħidma fl-ajru li kkummentat fuq l-NPA u s-CRD. Ir-raġunijiet ippreżentati u adottati mill-Aġenzija kienu li dawn il-persuni kellhom bżonn ta' tagħrif f'sinteżi jew taħriġ speċjali indipendentement minn min innominahom u huma meħtieġa jwettqu missjoni ta' ħidma fl-ajru. Id-denominazzjoni 'passiġġier' tqieset li tista' toħloq konfużjoni f'dan ir-rigward.
48. Minn perspettiva legali, l-ispeċjalisti tal-kompiti huma membri tal-ekwipaġġ jew inkella passiġġera. B'konformità mad-definizzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ li tinsab fl-Anness I,

"membru tal-ekwipaġġ t'fisser persuna assenjata minn operatur biex twettaq kompiti abbord inġenju tal-ajru". Jekk ma tkunx assenjata mill-operatur, speċjalist tal-kompitu huwa passiġġier.


49. Subparti E – Rekwiżiti speċifiċi

50. L-Aġenzija tiegħu nota tal-kummenti pożittivi kollha li daħlu matul il-konsultazzjoni tas-CRD dwar l-introduzzjoni ta' din is-Subparti, li ntlaggħet ferm tajjeb mill-komunità ta' ħidma fl-ajru u l-awtoritajiet nazzjonali.

51. Il-Parti-SPO tinqasam f'5 Subpartijiet. Is-Subpartijiet A sa D fihom ir-regoli komuni għall-operaturi ta' SPO kollha. Is-Subparti E għet introdotta sabiex taqdi t-3 għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- Għan 1: biex tipproponi rekwiżiti addizzjonali, jekk ikun hemm bżonn. Minħabba t-tipi ferm differenti ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-Parti-SPO, xi kultant ikun hemm bżonn rekwiżiti addizzjonali għal attività speċifika u għaldaqstant, huma koperti minn din is-Subparti għaliex ma jistgħux jiġu applikati għall-operaturi tal-SPO kollha. Pereżempju, l-operaturi ta' ħelikopers li jwettqu operazzjonijiet ta' tagħbija biċ-ċinga jrid ikollhom tagħmir addizzjonali minbarra dak meħtieġ mis-Subparti D (IDE) għaliex l-għamla tal-missjoni timplika l-installazzjoni ta' tagħmir speċifiku, jew l-użu tiegħu, li ma jkunx meħtieġ għal attivitajiet oħrajn.
- Għan 2: biex tippermetti għall-eżenzjonijiet jew l-eżenzjonijiet parzjali meħtieġa għar-regoli komuni. Uħud mir-regoli li jinstabu fis-Subpartijiet A sa D jistgħu ma jkunux adattati għat-tipi differenti kollha ta' operazzjonijiet speċjalizzati jew saħansitra jkun ta' xkiel għat-twettiq tal-missjoni b'mod sikur li kieku kellhom jiġu segwiti. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu żgurati flessibilità u proporzjonalità tar-regoli.
- Għan 3: li jkun fiha speċifikazzjonijiet dettaljati li jservu ta' bażi għall-SOPs tal-operaturi. Din is-Subparti fiha 2 speċifikazzjonijiet dettaljati li ġew żviluppati mill-operaturi u reveduti mill-Aġenzija wara konsultazzjoni mal-esperti tal-grupp ta' revizzjoni. Huma stabbiliti fl-AMCs sabiex jippermettu għall-flessibilità neċessarja meħtieġa għall-operazzjonijiet speċjalizzati. Filwaqt li l-operaturi tal-SPO sejjer ikollhom jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' livell għoli, huwa importanti li dawn jingħataw il-flessibilità massima sabiex jimplimentaw dawn ir-rekwiżiti b'mod effettiv ħalli jiżguraw li jistgħu jeżegwixxu l-kompitu speċjalizzat u jwettqu l-operazzjonijiet b'livell għoli ta' sikurezza.





52. Bħalissa, ġew introdotti 4 operazzjonijiet speċjalizzati f'din is-Subparti. Is-sezzjoni 1 (Operazzjonijiet ta' tagħbija biċ-ċinga esterna bil-ħelikopter) u s-sezzjoni 2 (Operazzjonijiet ta' bnedmin bħala merkanzija esterna) Is-sezzjoni 3 (Operazzjonijiet bil-paraxut) u s-sezzjoni 4 (Titjiriet Ajrubatiċi) fihom l-eżenzjonijiet parzjali jew l-eżenzjonijiet meħtieġa. Jistgħu jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet aktar dettaljati permezz tal-kompitu ta' tfassil tar-regoli separat.

53. Is-Subparti E hija maqsuma kif ġej:

- Is-sezzjoni 1 – Operazzjonijiet ta' tagħbija biċ-ċinga esterna bil-ħelikopter (HESLO) huma attivitajiet li jitwettqu bl-iskop ta' trasportar ta' tagħbijiet esterni b'mezzi differenti (eż. kompartimenti jew xkafef li jkunu esterni jew imdendla minn qiegħ l-ajruplan). Uħud mir-rekwiżiti tat-tagħmir żdiedu peress li dawn jitqiesu neċessarji għat-twettiq ta' kwalunkwe titjira HESLO. Din is-Sezzjoni fiha speċifikazzjonijiet fl-AMC li saru bosta kummenti dwarhom. Sejrin ikunu għad-dispożizzjoni mad-Deċiżjoni tal-EASA.
- Is-sezzjoni 2 – Operazzjonijiet ta' bnedmin bħala merkanzija esterna (HEC) huma attivitajiet li jitwettqu bl-iskop ta' trasportar ta' bnedmin bħala tagħbijiet esterni minn/lejn ajrudromi u/jew siti operattivi. Jeskludu t-trasferiment ta' bdoti fuq il-baħar jew l-operazzjonijiet bil-parank imwettqa għal servizzi mediċi ta' emerġenza bil-ħelikopter għaliex dawn it-tnejn jitqiesu bħala attività ta' trasport kummerċjali bl-ajru li taqa' taħt SPA.HHO. Rigward il-HESLO, żdiedu rekwiżiti addizzjonali ta' tagħmir għal raġunijiet ta' sikurezza. L-ispeċifikazzjonijiet fl-AMC sejrin jitqiegħdu

għad-dispożizzjoni mad-Deċiżjoni tal-EASA, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-reazzjonijiet li jidħlu matul il-konsultazzjoni tas-CRD.

- Is-sezzjoni 3 – Operazzjonijiet bil-paraxut (PAR - Parachute Operations) fiha bosta eżenzjonijiet parzjali mir-regoli tas-Subpartijiet A-D sabiex daww li jaqbżu bil-paraxut (fir-regola jingħataw l-isem ta' speċjalisti tal-kompiti) jwettqu l-kompitu tagħhom. Pereżempju, iridu jkunu jistgħu jaqbżu barra l-inġenju tal-ajru u għaldaqstant, ir-rekwiżit li jkunu marbutin mhuwiex applikabbli għalihom. Barra minn hekk, l-ispeċjalisti tal-kompiti li jwettqu wirjiet bi strumenti li jħallu duħħan warajhom ma għandhomx bżonn jikkonformaw (taħt ċerti kundizzjonijiet) mar-rekwiżit li jipprojbixxi r-rilaxx ta' oġġetti perikolużi fuq żoni f'konġestjoni, inkella ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompitu tagħhom. Barra minn hekk, hija introdotta eżenzjoni parzjali fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ossiġenu u ġiet identifikata eżenzjoni sabiex jiġu evitati rekwiżiti ta' tagħmir mhux fattibbli. Finalment, iddaħħal rekwiżit addizzjonali sabiex jiġi determinat il-ġarr ta' Trasmittitur ta' Lokalizzatur ta' Emerġenza (ELT - Emergency Locator Transmitter) mill-bdot fil-kmand għal operazzjonijiet bi blalen tal-arja fuq l-ilma li matulhom jistgħu jinġarru aktar minn 6 persuni.
- Is-sezzjoni 4 – Titjiriet ajrubatiċi (ABF - Aerobatic Flights) fiha l-eżenzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat milli jiġu imposti rekwiżiti żejda mhux neċessarji għal dan it-tip ta' operazzjoni. L-eżenzjonijiet huma introdotti sabiex jiġi evitat il-ġarr ta' kitts tal-ewwel għajjnuna jew pompa għat-tifi tan-nar li titħaddem bl-idejn.

## **V. Reazzjonijiet speċifiċi u l-bidliet ewlenin**

### ***SPO.GEN.106 Responsabilitajiet tal-ispeċjalisti tal-kompiti***

54. Ġiet abbozzata dispożizzjoni ġdida sabiex jiġu identifikati biċ-ċar ir-responsabilitajiet tal-ispeċjalisti tal-kompiti. Kif intqal aktar 'il fuq, xi kultant, l-ispeċjalisti tal-kompiti jistgħu jitqiesu membri tal-ekwipaġġ - li r-responsabilitajiet tagħhom huma definiti f'SPO.GEN.105 - u xi kultant jistgħu jitqiesu bħala passiġġiera. Sabiex jiġu definiti b'mod ċar ir-responsabilitajiet fiż-żewġ każijiet, SPO.GEN.106 jipprovdni doveri u obbligi għall-ispeċjalisti tal-kompiti li ma jaġixxux bħala membri tal-ekwipaġġ.

### ***SPO.GEN.155 It-trasport ta' oġġetti perikolużi***

55. It-trasport ta' Oġġetti Perikolużi jrid jitwettaq skont l-Istruzzjonijiet Tekniċi tal-ICAO. Dan il-paragrafu jispeċifika l-każijiet li fihom jistgħu jinġarru oġġetti perikolużi mingħajr approvazzjoni speċifika skont SPA.DG. Dan japplika, pereżempju, meta oġġetti perikolużi jiġu trasportati abbord l-inġenji tal-ajru għal skopijiet speċjalizzati. L-Istruzzjonijiet Tekniċi tal-ICAO jelenkaw il-każijiet relevanti. Eżenzjoni parzjali ulterjuri hija prevista fis-Subparti E għall-HESLO meta l-operaturi jittrasportaw oġġetti perikolużi lejn jew minn siti mingħajr ekwipaġġ jew postijiet remoti. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti kollha tal-Istruzzjonijiet Tekniċi tqieset imprattikabbli. L-eżenzjoni trid tkun approvata mill-awtorità kompetenti.

**SPO.OP.130/131 Provvista ta' fjuwil u żejt – ajruplani/ħelikopters**

56. Għal titjiriet skont ir-Regoli tat-Titjir dwar il-Viżwali (VFR - Visual Flight Rules), il-bdot fil-kmand irid jibda t-titjira jekk ikun ċert li l-ħelikopter għandu biżżejjed fjuwil u żejt biex itir lejn l-ajrudrum jew is-sit operattiv fejn beħsiebu jinżel u wara dak, biex iġorr fjuwil u żejt għal 20 minuta addizzjonali. Ħafna partijiet interessati talbu li tiġi introdotta eżenzjoni parzjali għaliex f'ħafna mit-titjiriet ta' ħidma fl-ajru b'dewmien qasir l-inġenji tal-ajru jridu jinżammu ħfief kemm jista' jkun biex ikun jista' jitwettaq il-kompitu. Wara din it-talba, issa l-Aġenzija tippermetti lill-operaturi jgħorru fjuwil u żejt għal 10 minuti biss dejjem jekk it-titjira tibqa' fi ħdan il-25 NM mill-ajrudrum/sit operattiv ta' tluq.

**SPO.OP.135 Tagħrif f'sinteżi dwar is-sikurezza**

57. It-tagħrif f'sinteżi dwar is-sikurezza huwa adattat għall-għamla speċifika tal-operazzjonijiet speċjalizzati u jrid ikun aktar dettaljat mit-tagħrif f'sinteżi normali mogħti lill-passiġġiera. Minflok, jista' jkun hemm programm ta' taħriġ.

**SPO.OP.185 Sitwazzjonijiet anormali simulati matul it-titjira**

58. B'konformità mar-regoli ġenerali, dan ir-rekwiżit jipprevjeni lill-bdoti fil-kmand milli jwettqu simulazzjonijiet (sitwazzjonijiet anormali jew ta' emerġenza) meta jgħorru speċjalisti tal-kompiti ħlief bi skop ta' taħriġ.

**SPO.OP.200 Detezzjoni ta' prossimità lejn l-art**

59. Dan ir-rekwiżit fih regola dwar is-sikurezza ferm ġenerali li tiddikkjara li meta membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jew sistema ta' twissija ta' prossimità lejn l-art (GWPS - Ground Proximity Warning System) jidentifikaw prossimità mhux xierqa lejn l-art, il-bdot irid jieħu azzjoni korrettiva immedjata sabiex jistabbilixxi kundizzjonijiet sikuri għat-titjir. Madanakollu, għal ċerti operazzjonijiet speċjalizzati, bħal titjiriet agrikoli (li għalihom it-titjira trid issir fi ħdan distanza mill-art li hija inqas minn dik li għaliha tixgħel it-twissija tal-GPWS), tqies li hemm bżonn li tiġi pprovduta ċerta flessibilità ħalli l-bdot ikun jista' jitfaha.

**SPO.OP.205 Sistema ta' evitar ta' kollizzjoni fl-ajru (ACAS - Airborne Collision Avoidance System) – ajruplani u ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur**

60. Dan ir-rekwiżit jobbliga lill-operatur sabiex jistabbilixxi proċeduri bil-għan li jiġi żgurat li meta ACAS II tkun installata u utilizzabbli, din għandha tintuża skont ir-Regolament (UE) Nru 1332/2011. Fil-każ li tkun installata u utilizzabbli, irid ikun japplika l-istess prinċipju bħal dak għas-sistema ta' twissija ta' prossimità lejn l-art. Din l-eżenzjoni parzjali tikkonċerna attivitajiet bħal titjiriet ta' kompetizzjoni jew ajrubatiċi li fihom l-inġenji tal-ajru jistgħu jtiru ferm qrib xulxin.

**SPO.POL.146 Kriterji tal-prestazzjoni - Ħelikopters**

61. Din id-dispożizzjoni fiha r-rekwiżiti tal-kategorija ta' prestazzjoni għall-ħelikopters li joperaw fuq żoni f'konġestjoni. Saru bosta kummenti dwar dan ir-rekwiżit, b'mod partikolari SPO.POL.146(a). L-operaturi ta' ħelikopters kienu ferm kontra l-obbligu ta'

ċertifikazzjoni fil-kategorija A biss sabiex joperaw f'dawn iż-żoni. Jargumentaw li ma jkunux jistgħu joperaw aktar għaliex ħafna minnhom, illum, joperaw biss b'ħelikopters tal-kategorija B tal-prestazzjoni, anki f'żoni f'konġestjoni. L-Aġenzija ħadet f'kunsiderazzjoni din is-sitwazzjoni. Ir-rekwiżit ġie modifikat sabiex il-ħelikopters li jaqgħu taħt il-kategorija B tal-prestazzjoni jkunu jistgħu jtiru fuq żoni f'konġestjoni iżda taħt żewġ kundizzjonijiet biss: iridu jittieħdu miżuri ta' sikurezza sabiex jiġi evitat periklu inadatt għal persuni jew proprjetà fuq l-art u ladarba jiġu stabbiliti dawn il-miżuri ta' sikurezza, l-operazzjoni trid tiġi approvata mill-awtorità kompetenti.

### **Ġarr u użu ta' ossiġnu supplimentali**

62. Ġew diskussi u saru ħafna kummenti fuq ir-regoli li ġejjin dwar it-tagħmir għall-ossiġenu għal ajruplani u ħelikopters li mhumiex kumplessi:
  - SPO.OP.195 Użu ta' ossiġenu supplimentali, u
  - SPO.IDE.A/H.175 Ossiġenu supplimentali – ajruplani/ħelikopters mhux ippressati.
63. Ġeneralment intalab sabiex ikun hemm eżenzjonijiet parzjali minn dawn ir-regoli għall-SPO, fuq il-bażi tal-prattika operazzjonali attwali f'uħud mill-Istati Membri.
64. Meta kienet qiegħda tirrevedi l-kummenti u l-materjal li rċiviet dawn dan is-suġġett, l-Aġenzija xeħtet dawl fuq dan li ġej:
  - Ir-rekwiżiti għal ħelikopters ippressati tħassru peress li ma huma operati l-ebda ħelikopters ippressati fl-UE.
  - It-test attwali għall-ajruplani nżamm konformi mar-rekwiżiti ta' NCC.IDE u NCO.IDE meta wieħed iqis li r-riskju ta' ipossija għall-bdot tista' twassal għal sitwazzjonijiet perikolużi li huma ta' riskju inaċċettabbli għal partijiet terzi.
  - L-Aġenzija ħadet f'kunsiderazzjoni partikolari l-fatt li l-fiżjoloġija tal-bniedem mhijiex differenti skont it-tip ta' operazzjonijiet imwettqa jew il-kumplessità tal-inġenju tal-ajru.
  - L-Aġenzija tirrikonoxxi wkoll li l-valutazzjonijiet imwettqa mill-ICAO dwar dan is-suġġett, disponibbli fid-Dok 8984 Manwal dwar il-Mediċina fl-Avjazzjoni Ċivili (Doc 8984 Manual of Civil Aviation Medicine) fl-aħħar verżjoni emendata tal-2008. B'mod partikolari, dan id-dokument fih deskrizzjoni tal-effetti tal-ipossija f'altitudnijiet differenti u jixhed il-bżonn tar-rekwiżit.
  - Madanakollu, huwa rikonoxxut dan li ġej:
  - Ċerti attivitajiet ta' SPO jkunu affettwati jew imdgħajfa ħafna mir-rekwiżiti ta' ġarr u użu ta' ossiġnu supplimentali.
  - L-esperjenza globali bl-operazzjonijiet f'altitudnijiet għoljin mingħajr ossiġenu ta' ċerti operaturi tal-SPO
  - Il-bdoti u l-ispeċjalisti tal-kompiti b'esperjenza ferm twila ta' titjir f'ċerti reġjuni muntanjużi jistgħu jkunu fiżjoloġikament adattati għal dawn l-altitudnijiet.
  - Il-kriterji li jimmitigaw ir-riskju u li jillimitaw il-ħin ta' espożizzjoni f'altitudnijiet għoljin mingħajr ossiġenu jistgħu jiġu definiti u implimentati fl-SOPs.
  - Għaldaqstant, għad li żżomm ir-rekwiżit ġenerali dwar il-ġarr u l-użu ta' ossiġenu addizzjonali, l-Aġenzija ħadet f'kunsiderazzjoni t-tip speċifiku ta' ċerti attivitajiet ta'

SPO u kkunsidrat li tagħti eżenzjoni parzjali mit-tali rekwiżit f'ċerti kundizzjonijiet bl-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti.

**Tagħmir għall-mitigazzjoni ta' kkraxxjar**

65. Ir-rekwiżit tħassar wara l-kummenti riċevuti li xeħtu dawl fuq id-diffikultà sabiex dan jiġi infurzat b'mod xieraq filwaqt li ttieħdu f'kunsiderazzjoni l-aspetti tad-disinn u ż-żmien ta' implimentazzjoni. L-aġenzija sejra terġa' tikkunsidrah fil-ġejjieni b'kompitu ta' tfassil tar-regoli ddedikat.

**SPO.IDE.A.130 Sistema ta' twissija għal attenzjoni għall-art (TAWS - Terrain Awareness Warning System)**

66. It-test ġie revedut sabiex tiġi ċċarata l-applikabilità tar-rekwiżit u l-eżenzjonijiet parzjali żdiedu fis-Subparti E.

**SPO.IDE.H.195 Titjiriet fuq l-ilma – ħelikopters li mhumiex ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur u SPO.IDE.H.197 Ġkieket tas-salvataġġ – ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur**

67. Ir-rekwiżit għal illuminazzjoni elettrika għall-ġkieket tas-salvataġġ nżamm għall-ħelikopters, b'mod konsistenti mal-Parti NCC u NCO. Barra minn hekk, wara l-kummenti li daħlu, ġie ċċarat li l-ġkieket tas-salvataġġ mhux bilfors iridu jintrefgħu f'ċerti postijiet immedjatament lesti għall-użu, iżda jistgħu anki jintlibsu direttament mill-persuni li lilhom huma pprovduti dawn il-ġkieket sabiex jużawhom.
68. Żdiedu anki kundizzjonijiet sabiex jiġi kkunsidrat il-każ ta' tipi ta' ħelikopters b'żewġ magni li huma kklassifikati bħala □ħelikopters li mhumiex kumplessi'

**SPO.IDE.B.140 Tagħmir mixxelanju**

69. Wara l-kummenti u l-pariri mill-esperti ġiet reveduta l-applikabilità ta' ċerti oġġetti inklużi fit-tagħmir mixxelanju għall-blalen tal-arja, bħal ingwanti protettivi jew sikkina, fir-rigward tal-kategorija ta' blalen tal-arja.

Cologne, 16 ta' April 2012

P. GOUDOU  
Direttur Eżekuttiv